TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 411/11

**Dolores Giardino Mifsud**

**vs**

**Paul Borg**

Illum 28 ta' Marzu, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-13 ta' Settembru, 2011 fejn ir-rikorrenti talbet rifużjoni ta' mija u ħamsin ewro (€150), rappreżentanti prezz ta' depożitu fuq flat li wara li daħlu ġo fih sabu ħafna nuqqasijiet.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda ġuramentata tal-intimat li huwa l-istess intimat, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Is-sinjura Agnes Grima ngħatat irċevuta ta' mija u ħamsin ewro (€150) u l-kawża nbdiet mill-kuġina tagħha Dolores Giardino.

Fuq domanda tat-Tribunal l-istess Dolores Giardino m'għandhiex prokura mingħand Agnes Grima.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, tenut kont ta' dawn iċ-ċirkostanzi m'għandux għażla oħra ħlief li jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

It-Tribunal, pero' jinnota l-istat delapitat tal-flat, iżda peress illi l-kawża bdiet ħażin, ma jistax jidħol f'dan il-mertu.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**